EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 6 ta' Ġunju 2019

# Żieda fl-inugwaljanzi u l-fastidju hekk kif il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali qed jiddgħajjef

**Ir-Rapport tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 isib li l-maġġoranza tal-persuni madwar l-UE qegħdin f'riskju li jitħallew jaqgħu lura, minħabba li ż-żieda fl-intolleranza u l-attakki fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni qed ikomplu jnaqqru l-progress konsiderevoli li nkiseb s'issa.**

*"Bosta persuni huma mħassba dwar id-drittijiet fundamentali madwar l-UE hekk kif l-inugwaljanzi, il-fastidju u l-preġudizzji qed ikomplu jiżdiedu," qal id-Direttur tal-FRA Michael O'Flaherty. "Għandna bżonn risposni sodi li jiddeskrivu kif kull persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet u rridu nindirizzaw l-inugwaljanzi li qed iżommuna lura minn soċjetà ġusta u xierqa fejn kulħadd jista' jirnexxi."*

Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' din is-sena jirrifletti fuq l-iżviluppi u n-nuqqasijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE matul is-sena li għaddiet. Ir-ratifika tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diżabilità (CRPD) sal-2018 tal-Istati Membri kollha tal-UE u l-ftehim proviżorju tal-UE dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità propost kienu kisbiet importanti notevoli. Fuq livell globali, l-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha jiddeskrivu pjan ta' azzjoni għal dinja aħjar ikkaratterizzata mill-ugwaljanza, il-ġustizzja u l-paċi. Iżda biex dan jirnexxi, id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li jiġu inkorporati fihom kif jispjega r-rapport fit-taqsima ta' fokus tiegħu.

Kwistjonijiet ewlenin oħra li ġew identifikati jinkludu:

- Id-diskriminazzjoni u l-fastidju razzjali jibqgħu xi ħaġa komuni ħafna fl-Unjoni Ewropea kollha. Filwaqt li jirrikonoxxu dan, l-istituzzjonijiet tal-UE adottaw miżuri biex jiġġieldu l-antisemitiżmu u biex jindirizzaw ir-razziżmu lejn l-Afro-Ewropej. Kif juri l-istħarriġ tal-FRA, il-persuni għadhom jiffaċċjaw **fastidju**, **diskriminazzjoni** mifruxa, preġudizzju persistenti u **tfassil ta' profili etniċi diskriminatorji** fl-UE kollha minħabba l-kulur tal-ġilda, it-twemmin reliġjuż jew l-etniċità tagħhom. Pereżempju, 1 minn kull 5 persuni suwed u kważi 3 minn kull 10 persuni Lhud jesperjenzaw fastidju. Għalhekk, l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġġieldu kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali. Dawn għandhom jieħdu wkoll pożizzjoni aktar iebsa kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda billi jirreġistraw, jinvestigaw, iwettqu prosekuzzjoni u jieħdu passi b'mod effettiv kontra l-inċidenti allegati.
- L-integrazzjoni tar-refuġjati għamlet progress minkejja diversi ostakoli. Madankollu, kważi 4 minn kull 10 Ewropej jikkunsidraw il-**migrazzjoni** bħala problema u kważi nofshom jistmaw id-daqs tal-migrazzjoni irregolari aktar milli fil-fatt hu. Barra minn hekk, għad hemm allegazzjonijiet ta' migranti fosthom tfal li qed jintbagħtu b'mod sfurzat f'pajjiżi oħra, xi drabi b'mod vjolenti, bejn il-fruntieri esterni tal-UE u t-trattament ħażin mill-pulizija. Tali azzjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti għall-Istati Membri biex jaġixxu minnufih bil-għan li jwaqqfu tali abbuż, u biex jiżguraw li l-proċeduri tal-asil u r-ritorn jirrispettaw il-liġi tal-UE dwar l-asil u d-drittijiet tal-bniedem.
- Ir-rati ta' faqar fost it-tfal fl-UE tjiebu xi ftit iżda xorta 1 minn kull 4 itfal jinsabu f'**riskju ta' faqar**. Dan ifisser li, f'wieħed mill-aktar reġjuni sinjuri tad-dinja, hemm tfal li jmorru jorqdu bil-ġuħ u jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena, filwaqt li s-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom sejrin għall-agħar. Għat-tfal b'ġenituri barranin, din iċ-ċifra titla' sa 4 minn kull 10. It-tfal li ġejjin minn minoranza etnika jkomplu jiġu marġinalizzati. Pereżempju, 15 % tat-tfal Rom

jesperjenzaw edukazzjoni segregata. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiddelimitaw il-finanzjament għal miżuri biex inaqqsu l-faqar fost it-tfal. Dawn għandhom iżidu wkoll l-isforzi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw it-tfal f'minoranza sabiex tingħata spinta lill-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tagħhom.

Ir-rapport jiġbor fil-qosor u janalizza l-iżviluppi ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE matul l-2018. Dan jinkludi proposti għal azzjoni li jkopru l-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-użu tagħha mill-Istati Membri; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; l-asil, il-fruntieri u l-migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil:** media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642